Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

DEĊIŻJONI (UE) 2022/1981 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-10 ta' Ottubru 2022

dwar l-użu tas-servizzi tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali mill-awtoritajiet kompetenti (BĊE/2022/33)

(ĠU L 272, 20.10.2022, p. 22)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Deċiżjoni (UE) 2023/2796 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-4 ta' Diċembru 2023	L 2796	1	14.12.2023
►M2	Deċiżjoni (UE) 2025/873 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-24 ta' April 2025	L 873	1	12.5.2025

▼B

DEĊIŻJONI (UE) 2022/1981 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-10 ta' Ottubru 2022

dwar l-użu tas-servizzi tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali mill-awtoritajiet kompetenti (BĊE/2022/33)

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) 'awtorità kompetenti' tfisser jew awtorità nazzjonali kompetenti jew il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE);

(2) 'awtorità nazzjonali kompetenti' (ANK) tfisser awtorità nazzjonali kompetenti kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 u, għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, tinkludi ukoll, fir-rigward tal-kompiti superviżorji assenjati lilhom, banek ċentrali nazzjonali li ġew assenjati ċerti kompiti superviżorji skont il-liġi nazzjonali u li mhumiex maħtura bħala ANK;

(3) 'Servizzi tas-SEBĊ' tfisser waħda jew aktar mill-applikazzjonijiet elettroniċi, sistemi, pjattaformi, bażijiet tad-*data* u servizzi elenkati fl-Anness I u l-Anness II ta' din id-Deċiżjoni;

(4) 'bank ċentrali li jipprovdi' tfisser bank ċentrali li jiżviluppa, imexxi u jżomm servizz tas-SEBĊ.

Artikolu 2

L-użu tas-servizzi tas-SEBĊ mill-awtoritajiet kompetenti

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw is-servizzi tas-SEBĊ elenkati fl-Anness I għall-fini li jwettqu l-kompiti tagħhom skont ir-Regolament (UE) Nru 1024/2013.

2. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jużaw is-servizzi tas-SEBĊ elenkati fl-Anness II għall-fini li jwettqu l-kompiti tagħhom skont ir-Regolament (UE) Nru 1024/2013.

3. L-awtoritajiet kompetenti li jiddeċidew li jużaw is-servizzi tas-SEBĊ stabbiliti fl-Anness II għandhom jippreżentaw dikjarazzjoni lill-Kunsill Governattiv li biha jikkonfermaw il-parteċipazzjoni tagħhom u jaċċettaw il-konformità mal-obbligi relatati, inkluż l-obbligu li jħallsu l-kontribuzzjonijiet tagħhom direttament lill-bank ċentrali li jipprovdi skont l-Artikolu 3.

4. L-awtoritajiet kompetenti li jużaw is-servizzi tas-SEBĊ għandhom jikkonformaw mal-qafas legali li jirregola kull servizz tas-SEBĊ, inklużi l-ftehimiet bejn il-banek ċentrali parteċipanti u dawk li jipprovdu. Il-ftehimiet bejn il-partijiet jistgħu jistabbilixxu relazzjonijiet kuntrattwali diretti bejn il-banek ċentrali li jipprovdu u l-awtoritajiet kompetenti.

5. Meta jużaw is-servizzi elenkati fl-Anness I l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness III.

▼M1

Artikolu 3

Arranġamenti finanzjarji

1. L-awtoritajiet kompetenti li jużaw is-servizzi tas-SEBĊ għandhom jikkontribwixxu għall-ispejjeż tal-iżvilupp u l-operat tas-servizz rispettiv tas-SEBĊ skont qafas ta' rimborż definit, li huwa bbażat fuq skema tal-allokazzjoni tal-kost, kif speċifikat aktar fil-pakketti finanzjarji rispettivi skont ir-regoli applikabbli għar-rimborż.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti li jużaw il-Bażi tad-*Data* Ċentralizzata tat-Titoli (CSDB) u/jew il-Bażi tad-*Data* tal-Istatistika dwar il-Parteċipazzjonijiet tat-Titoli (SHSDB) ma għandhomx ikunu meħtieġa jikkontribwixxu għall-kostijiet tal-iżvilupp u t-tħaddim tas-CSDB u/jew tal-SHSDB, kif applikabbli, meta dawk il-kostijiet jiġġarrbu qabel l-1 ta' Lulju 2023 għall-SHSDB u qabel l-1 ta' Jannar 2024 għas-CSDB, rispettivament.

▼B

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Gurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

▼**M2**

ANNESS I

Servizzi tas-SEBĊ li l-awtoritajiet kompetenti huma meħtieġa jużaw

— AnaCredit (Anacredit)

— Proġett dwar Kompiti Operativi tad-Dizzjunarju tar-Rappurtar Integrat tal-Bank (BIRD OT)

— Bażi ta' Data Ċentralizzata tat-Titoli (CSDB)

— CoreNet

— Enterprise Service Bus (ESB)

— Identity and Access Management Service (IAM)

— Bażi ta' Data tar-Reġistru tal-Istituzzjonijiet u l-Affiljati (RIAD)

— Bażi ta' Data tal-Istatistika tal-Investimenti fit-Titoli (SHSDB)

▼B

ANNESS II

Servizzi tas-SEBĊ li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jużaw

— ESCB Teleconference System

— Secure ESCB Email (SEE)

— ESCB public key infrastructure (ESCB PKI)

— ESCB Performing Survey Initiative LimeSurvey-based Solution (EPSILON)

— ENTM Modelling tool and repository (ENTM)

▼B

ANNESS III

Rekwiżiti għas-servizzi tas-SEBĊ li l-awtoritajiet kompetenti huma meħtieġa jużaw

(1) L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu l-kompiti u jassumu r-responsabbiltajiet li jikkorrispondu għar-rwol tagħhom fis-servizz tas-SEBĊ rilevanti.

(2) L-awtoritajiet kompetenti għandhom jaġġustaw is-sistemi interni u l-interfaċċi tagħhom biex joperaw mingħajr xkiel mas-servizz tas-SEBĊ.

(3) L-awtoritajiet kompetenti se jkunu responsabbli għal kwalunkwe telf jew ħsara mġarrba bħala riżultat ta' kwalunkwe azzjoni deliberata jew negliġenti u/jew ommissjoni fit-twettiq tal-obbligi tagħhom. Il-limitazzjonijiet tar-responsabbiltà stabbiliti fil-Ftehim tal-Livell 2 — Livell 3 se japplikaw kif xieraq.

(4) L-awtoritajiet kompetenti se jerfgħu l-oneru tal-prova li juru li ma kisrux id-dmir tagħhom ta' diliġenza raġonevoli fit-twettiq tal-obbligi tagħhom, inkluż fl-operat tal-faċilitajiet tekniċi.

(5) L-esternalizzazzjoni, id-delega jew is-sottokuntrattar minn awtorità kompetenti lil partijiet terzi se jkunu mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà ta' dik l-awtorità kompetenti.

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jesternalizzaw, jiddelegaw jew jissottokuntrattaw biss lil parti terza kompiti li għandhom jew li jista' jkollhom impatt materjali fuq il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Anness sal-punt li jkunu kisbu l-kunsens espliċitu, minn qabel u bil-miktub (jew kunsens preżunt kif previst fil-paragrafu (6)) tal-banek ċentrali tal-Eurosistema, jew tal-banek ċentrali tas-SEBĊ, skont il-każ. Ma jkun meħtieġ l-ebda kunsens bħal dan jekk il-parti terza tkun affiljata konġunta tal-awtorità kompetenti rilevanti u jekk id-drittijiet u l-obbligi ta' dik l-awtorità kompetenti jibqgħu materjalment l-istess.

(6) L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu avviż raġonevoli minn qabel ta' kwalunkwe esternalizzazzjoni, delega jew sottokuntrattar ippjanat kif imsemmi fil-paragrafu 5 u għandhom jipprovdu dettalji tar-rekwiżiti li huma proposti li japplikaw għal tali esternalizzazzjoni, delega jew sottokuntrattar.

Il-Kumitat tas-SEBĊ kompetenti għandu jwieġeb għal kwalunkwe talba għal kunsens skont il-paragrafu 5 fi żmien xahrejn minn meta jiġi nnotifikat dwar l-esternalizzazzjoni, id-delega jew is-sottokuntrattar ippjanat. Kwalunkwe rifjut għall-għoti ta' kunsens għandu jkun akkumpanjat bir-raġunijiet għal tali rifjut. Jekk l-awtorità kompetenti ma tirċievi l-ebda tweġiba fi żmien l-iskadenza ta' xahrejn, hija tista' tinnotifika mill-ġdid lill-Kumitat tas-SEBĊ kompetenti bit-talba tagħha. Il-banek ċentrali tal-Eurosistema, jew il-banek ċentrali tas-SEBĊ, skont il-każ, ikollhom xahar ieħor li fih jirrispondu għat-tieni notifika. Jekk ma jkunx hemm tweġiba f'dak il-perjodu ta' żmien, l-awtorità kompetenti titqies li tkun irċeviet il-kunsens biex tipproċedi bl-esternalizzazzjoni, bid-delega jew bis-sottokuntrattar.

(7) L-awtoritajiet kompetenti għandhom iżommu kunfidenzjali kull informazzjoni u għarfien sensittiv, sigriet jew kunfidenzjali (kemm jekk tali informazzjoni tkun ta' natura kummerċjali, finanzjarja, regolatorja, teknika jew ta' natura oħra) li tkun immarkata bħala tali u tappartjeni għall-bank ċentrali li jipprovdi u/jew lil banek ċentrali oħrajn tas-SEBĊ/Eurosistema, u ma jistgħux jiżvelaw tali informazzjoni lil xi parti terza mingħajr il-kunsens espliċitu, minn qabel u bil-miktub tal-bank/banek ċentrali kkonċernat/i.

(8) L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrestringu l-aċċess għall-informazzjoni jew l-għarfien imsemmi fil-paragrafu 7 għall-persunal tekniku rilevanti tagħhom, u tali aċċess jista' jiġi eżerċitat biss f'każijiet ta' ħtieġa operattiva ċara.

▼B

(9) L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu miżuri xierqa biex jipprevjenu l-aċċess għal tali informazzjoni kunfidenzjali jew għarfien minn persuni għajr il-persunal tekniku rilevanti.

▼M1

(10) Fil-każ li l-użu tas-servizz tas-SEBĊ jinvolvi l-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtorità kompetenti, l-awtorità kompetenti għandha tikkonforma mal-leġiżlazzjoni applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data*.

▼B

(11) L-aċċess għad-*data* personali jista' jingħata biss lil dawk li jkollhom bżonn li jkunu jafu sabiex iwettqu l-kompiti tagħhom u jwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom fir-rigward tas-servizz rilevanti tas-SEBĊ.